PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2007/2261(INI)

6.3.2008

EMENDI
1 - 15

ABBOZZ TA' OPINJONI
Esther De Lange
(PE400.541v01-00)

dwar il-White Paper dwar l-isports
(2007/2261(INI))

AM_Com_NonLegOpinion

Emenda 1
Armando França

ABBOZZ TA' OPINJONI
Paragrafu 1

ABBOZZ TA' OPINJONI	*Emenda*
1. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jimplimentaw “politika mmexxija b’intelliġenza” ta’ koperazzjoni tal-pulizija transkonfinali fil-qasam ta' l-isport, inkluż l-iskambju ta' informazzjoni u intelliġenza bejn is-servizzi ta' sigurtà, filwaqt li jiġi żgurat ir-rispett għad-drittijiet fundamentali u għar-regoli tal-protezzjoni tad-dejta;	1. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jimplimentaw “politika mmexxija b’intelliġenza” ta’ koperazzjoni tal-pulizija transkonfinali fil-qasam ta' l-isport, inkluż l-iskambju ta' informazzjoni u intelliġenza bejn is-servizzi ta' sigurtà, filwaqt li jiġi żgurat ir-rispett ***għal-libertà***, għad-drittijiet fundamentali u għar-regoli tal-protezzjoni tad-dejta;

Or. pt

Emenda 2
Armando França

ABBOZZ TA' OPINJONI
Paragrafu 1 a (ġdid)

ABBOZZ TA' OPINJONI	*Emenda*
	1a. Jenfasizza li l-isports, u b'mod parikulari ċerti dixxiplini sportivi proffessjonisti, saru, jew waslu biex isiru, kummerċ dinji fil-kuntest ta' suq globali u f'logika globali;

Or. pt

Emenda 3
Armando França

ABBOZZ TA' OPINJONI
Paragrafu 1 b (ġdid)

ABBOZZ TA' OPINJONI	*Emenda*
	1 c Jenfasizza li din il-loġika ta' globalizzazzjoni tibdel ir-relazzjoni bejn l-aġenti sportivi u toħloq realtajiet ġodda u l-istrateġiji biex jilqgħu għal dawn l-isfidi ġodda jvarjaw fl-Istati Membri, u dan iwassal għall-ħtieġa ta' tfittxija għal soluzzjonijiet politiċi u leġiżlattivi armonjużi u konsistenti li jirrispettaw il-prinċipji u l-valuri fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, kif ukoll id-dispożizzjonijiet kollha tat-trattati ta' l-Unjoni Ewropea.

Or. pt

Emenda 4
Armando França

ABBOZZ TA' OPINJONI
Paragrafu 2

ABBOZZ TA' OPINJONI	*Emenda*
2. Jenfasizza l-bżonn li jinħolqu kundizzjonijiet għal approċċ iktar komprensiv għar-riskji relatati ma' avvenimenti sportivi – minbarra miżuri preventivi, disważivi u ripressivi, li jinvolvu lill-partijiet ikkonċernati kollha fi strateġija li ssaħħaħ l-aspetti mhux rispressivi tar-rispons għall-isfidi, b'attenzjoni qawwija ***fuq l-iskambju ta' l-aħjar prattiki, kif ukoll fuq l-edukazzjoni u t-taħriġ;***	2. Jenfasizza l-bżonn li jinħolqu kundizzjonijiet għal approċċ iktar komprensiv għar-riskji relatati ma' avvenimenti sportivi – minbarra miżuri preventivi, disważivi u ripressivi, li jinvolvu lill-partijiet ikkonċernati kollha fi strateġija li ssaħħaħ l-aspetti mhux rispressivi tar-rispons għall-isfidi, b'attenzjoni qawwija ***fuq l-edukazzjoni u t-taħriġ kif ukoll fuq l-iskambju ta' l-aħjar prattiki;***

Or. pt

Emenda 5
Javier Moreno Sánchez, Iratxe García Pérez

ABBOZZ TA' OPINJONI
Paragrafu 2

ABBOZZ TA' OPINJONI	*Emenda*
2. Jenfasizza l-bżonn li jinħolqu kundizzjonijiet għal approċċ iktar komprensiv ***għar-***riskji relatati ma' avvenimenti sportivi – minbarra miżuri preventivi, disważivi u ripressivi, li jinvolvu lill-partijiet ikkonċernati kollha fi strateġija li ssaħħaħ l-aspetti mhux rispressivi tar-rispons għall-isfidi, b'attenzjoni qawwija fuq l-iskambju ta' l-aħjar prattiki, kif ukoll fuq l-edukazzjoni u t-taħriġ;	2. Jenfasizza l-bżonn li. *flimkein mal-miżuri ta' prevenzjoni, dissważżjoni u ripressjoni*, jinħolqu kundizzjonijiet għal approċċ iktar komprensiv ***sabiex ikunu jistgħu jiffaċċaw u jiġu miġġielda*** riskji relatati ma' avvenimenti sportivi – minbarra miżuri preventivi, disważivi u ripressivi, li jinvolvu lill-partijiet ikkonċernati kollha fi strateġija li ssaħħaħ l-aspetti mhux rispressivi tar-rispons għall-isfidi, b'attenzjoni qawwija fuq l-iskambju ta' l-aħjar prattiki, kif ukoll fuq l-edukazzjoni u t-taħriġ;

Or. es

Emenda 6
Armando França

ABBOZZ TA' OPINJONI
Paragrafu 3

ABBOZZ TA' OPINJONI	*Emenda*
3. Jiġbed attenzjoni partikolari għall-esperjenza imprezzabbli miksuba permezz ta' l-NFIP (National Football Information Points, responsabbli għall-koordinazzjoni u l-iffaċilitar ta' l-iskambju ta' informazzjoni tal-pulizija transkonfinali, inklużi evalwazzjonijiet tar-riskji u dejta dwar partitarji li joħolqu riskju għoli) u l-manwal għal koperazzjoni tal-pulizija internazzjonali, li jistgħu jilagħbu rwol ewlieni f'din "il-politika mmexxija b'intelliġenza"; u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex meta jkun neċessarju jiżviluppaw iktar u	3. Jiġbed attenzjoni partikolari għall-esperjenza imprezzabbli miksuba permezz ta' l-NFIP (National Football Information Points, responsabbli għall-koordinazzjoni u l-iffaċilitar ta' l-iskambju ta' informazzjoni tal-pulizija transkonfinali, inklużi evalwazzjonijiet tar-riskji u dejta dwar partitarji li joħolqu riskju għoli) u l-manwal għal koperazzjoni tal-pulizija internazzjonali, li jistgħu jilagħbu rwol ewlieni f'din "il-politika mmexxija b'intelliġenza"; u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ***jintensifikaw il-koperazzjoni bejniethom***

jaġġornaw dan l-approċċ;	biex meta jkun neċessarju jiżviluppaw iktar u jaġġornaw dan l-approċċ;

Or. pt

Emenda 7
Ignasi Guardans Cambó

ABBOZZ TA' OPINJONI
Paragrafu 4

ABBOZZ TA' OPINJONI	*Emenda*
4. Iħeġġeġ bil-qawwa kollha lill-Istati Membri biex iżidu l-isforzi tagħhom fil-ġlieda kontra l-użu, l-provvista u l-bejgħ ta' prodotti illegali tad-'doping';	4. Iħeġġeġ bil-qawwa kollha lill-Istati Membri ***u lill-organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet kollha risponsabbli fil-qasam ta' l-isport*** biex iżidu l-isforzi tagħhom fil-ġlieda kontra l-użu, l-provvista u l-bejgħ ta' prodotti illegali tad-'doping'

Or. es

Emenda 8
Ignasi Guardans Cambó

ABBOZZ TA' OPINJONI
Paragrafu 5

ABBOZZ TA' OPINJONI	*Emenda*
5. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jieħdu l-passi neċessarji biex jitrattaw it-traffikar u l-esplojtazzjoni ta' sportivi minorenni rġiel u nisa, u jemmen li huma meħtieġa arranġamenti addizzjonali biex ikun żgurat li l-'home-grown initiative' ma twassalx għal traffikar ta' tfal;	***imħassar***

Or. es

Emenda 9
Armando França

ABBOZZ TA' OPINJONI
Paragrafu 7

ABBOZZ TA' OPINJONI	*Emenda*
7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jieħdu l-miżuri kollha rilevanti biex ikun evitat li avvenimenti sportivi kbar jinkoraġġixxu t-traffikar tal-bnedmin u l-abbuż minnhom, pereżempju traffikar relatat ma' prostituzzjoni sfurzata;	7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jieħdu l-miżuri kollha rilevanti biex ikun evitat li avvenimenti sportivi kbar jinkoraġġixxu t-traffikar tal-bnedmin u l-abbuż minnhom, pereżempju traffikar relatat ma' prostituzzjoni sfurzata ***u kull prattika oħra li tmur kontra d-drittijiet fundamentali;***

Or. pt

Emenda 10
Javier Moreno Sánchez, Iratxe García Pérez

ABBOZZ TA' OPINJONI
Paragrafu 8

ABBOZZ TA' OPINJONI	*Emenda*
8. Jenfasizza l-bżonn li jkun hemm monitoraġġ serju ta' l-infurzar tal-leġiżlazzjoni dwar razziżmu fil-kuntest ta' l-avvenimenti sportivi;	8. Jenfasizza l-bżonn li jkun hemm monitoraġġ serju ta' l-infurzar tal-leġiżlazzjoni dwar razziżmu ***u l-ksenofobija*** fil-kuntest ta' l-avvenimenti sportivi; ***iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex idaħħlu fil-politiki tagħhom miżuri sabiex jippromwovu valuri bħalma huma s-solidarjetà, it-tolleranza u prinċipji kontra d-diskriminazzjoni;***

Or. es

Emenda 11
Ignasi Guardans Cambó

ABBOZZ TA' OPINJONI
Paragrafu 8

ABBOZZ TA' OPINJONI	*Emenda*
8. Jenfasizza l-bżonn ***li jkun hemm monitoraġġ serju ta' l-infurzar tal-leġiżlazzjoni dwar razziżmu*** fil-kuntest ta' l-avvenimenti sportivi;	8. Jenfasizza l-bżonn li ***jiġu applikati miżuri li jkollhom l-iskop li jipprevjenu attitudnijiet razzisti*** fil-kuntest ta' l-avvenimenti sportivi ***mingħajr ma jeskludu l-applikazzjoni stretta tal-leġiżlazzjoni diġà fis-seħħ;***

Or. es

Emenda 12
Armando França

ABBOZZ TA' OPINJONI
Paragrafu 8

ABBOZZ TA' OPINJONI	*Emenda*
8. Jenfasizza l-bżonn li jkun hemm monitoraġġ serju ta' l-infurzar tal-leġiżlazzjoni dwar razziżmu fil-kuntest ta' l-avvenimenti sportivi;	8. Jenasizza l-bżonn li jkun hemm monitoraġġ serju ta' l-infurzar tal-leġiżlazzjoni dwar razziżmu, ***il-ksenofobija u kull tip ieħor ta' vjolenza u diskriminazzjoni*** fil-kuntest ta' l-avvenimenti sportivi

Or. pt

Emenda 13
Javier Moreno Sánchez, Iratxe García Pérez

ABBOZZ TA' OPINJONI
Paragrafu 8 a (ġdid)

ABBOZZ TA' OPINJONI	*Emenda*
	8a Jitlob lill-Istati Membri sabiex idaħħlu l-perspettiva tad-differenza bejn is-sessi fl-aspetti kollha tal-politika għall-isports

	sabiex tkompli titnaqqas id-differenza li baqa' bejn l-irġiel u n-nisa f'dik li hi rappreżentanza fl-organi sportivi, kif ukoll dik ta' renumerazzjoni u parteċipazzjoni effettiva fl-isports, hekk li jiġu bbilanċjati l-benefiċċji kemm personali kif ukoll soċjali ta' l-isports.

Or. es

Emenda 14
Armando França

ABBOZZ TA' OPINJONI
Paragrafu 9

ABBOZZ TA' OPINJONI	*Emenda*
9. Jilqa' b'sodisfazzjon l-iżvilupp ta' sistemi ta' liċenzjar tal-klabbs kemm fuq livell nazzjonali u kemm fuq livell Ewropew u jemmen li sistemi bħal dawn għandhom jinkludu wkoll dispożizzjonijiet relatati mal-prevenzjoni ta' razziżmu u vjolenza u mal-protezzjoni tal-minorenni;	9. Jilqa' b'sodisfazzjon l-iżvilupp ta' sistemi ta' liċenzjar tal-klabbs kemm fuq livell nazzjonali u kemm fuq livell Ewropew u jemmen li sistemi bħal dawn għandhom jinkludu wkoll dispożizzjonijiet relatati mal-prevenzjoni ta' razziżmu, il-ksenofobija u vjolenza u mal-protezzjoni tal-minorenni ***u mar-rispett tad-drittijiet fundamentali;***

Or. pt

Emenda 15
Armando França

ABBOZZ TA' OPINJONI
Paragrafu 10

ABBOZZ TA' OPINJONI	*Emenda*
10. ***Jenfasizza l-bżonn li jkun ikkunsidrat jekk il-Europol, il-Eurojust u n-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew (EJN) jistgħux jilagħbu rwol iktar ċentrali fil-prosekuzzjoni ta'*** tipi differenti ta' reati kriminali mwettqa matul avvenimenti	10. ***Jenfasizza l-bżonn assolut li tisaħħaħ il-koperazzjoni tal-puliżija u tal-ġudikatura fost l-Istati Membri u l-istiruzzjonijiet tal-pulizija Ewropej sabiex jikkumbattu b'mod aktar effettiv*** it-tipi differenti ta' reati kriminali mwettqa matul

sportivi ***kbar*** jew fil-qasam ta' l-isport (bħal pereżempju, il-forniment u l-użu tad-'doping', it-traffikar tal-bnedmin eċċ).	avvenimenti sportivi kbar jew fil-qasam ta' l-isport (bħal pereżempju, il-forniment u l-użu tad-'doping', it-traffikar tal-bnedmin eċċ.).

Or. pt